Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru 18/2013AE

**Edward u Lourdes konjugi Farrugia**

**Vs**

**Nutar Pierre Falzon**

L-Erbgha 16 ta' Marzu 2016

L-atturi harrku lill-konvenut sabiex ihallashom is-somma ta' tmint elef u hames mitt ewro (€8,500), bilanc minn somma akbar, li jirraprezentaw taxxa fuq id-dokumenti li thallset mill-konvenuti ghal darbtejn minhabba mizaproprijazzjoni da parti tal-konvenut.

Il-konvenut wiegeb li m'hemmx hlas dovut lill-atturi.

B'sentenza tat-2 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-konvenut ihallashom is-somma ta' €8,450, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali 2295/2012 tad-9 ta' Ottubru 2012.

Il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju hu:-

*"… l-azzjoni attrici ma kinitx wahda semplici ta' dejn civili izda l-istess atturi ghazlu ghar-ragunijiet taghhom li jallegaw il-mizaproprijazzjoni. Gialadarba l-attur ghazlu din il-linja, l-atturi huma marbuta li jippruvaw l-elementi tal-mizaproprijazzjoni u dan sabiex tirnexxi l-azzjoni taghhom. Fejn wiehed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq il-mizaproprijazzjoni huwa jrid igib prova li ghamel pagament lill-konvenut, li l-konvenut ircieva dak il-pagament, li dak il-pagament sar b'ghan specifiku u li l-konvenut uza dawk il-flejjes ghal ghan iehor differenti minn dak li ghalih kien sari l-pagament. F'din il-kawza kull ma ghandna hija x-xhieda skarna tal-attur li jaghmel diversi allegazzjonijiet pero naqas li jgib prova taghhom. Hekk per ezempju mkien fl-atti m'hemm ezebit iz-zewg kuntratti li jsemmi. Lanqas l-aktar prova facli li jezebixxi l-allegata skrittura tal-11 ta' Marzu 2011 ma giet prodotta. L-oneru tal-prova jinkombi lil min jallega u fid-dawl tan-nuqqas tal-prova l-konvenut ma huwa mistenni li jaghmel xejn u l-istess konvenut ma jistax, kif umilment ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, jigi penalizzat ghaliex ma ghamilx kontro-ezami ta' xhur. Zgur li l-konvenut ma seta' qatt jigi mistenni li jikkontradici prova li qatt ma ngabet u ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti, gialadarba l-elementi necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici ma gewx ippruvati, ma setghet qatt ragonevolment tilqa' t-talbiet attrici".*

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti u tosserva:

1. Quddiem l-ewwel qorti xehed biss l-attur. Ghalhekk il-qorti kellha biss il-verzjoni tal-attur, li lanqas biss sarlu kontro-ezami. Dan ifisser li l-verzjoni li ta l-attur m'hijiex kontradetta. Fic-cirkostanzi l-ewwel qorti kienet altru milli gustifikata li tiddeciedi kif iddecidiet.

2. L-attur spjega kif kien xtara fond u l-kuntratt gie ppubblikat min-nutar. Mill-atti jirrizulta li mar-rikors promotur l-atturi pprezentaw kopja ta' dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenut (fol. 4), li taqra hekk:

   *"Jiena Nutar Pierre Falzon ID 535060M nobbliga ruhi u niddikjara li ghandi nhallas is-somma ta' Eur16,500 li tirrigwarda boll u taxxa imhallsa doppja lil Edward u Lourdes Farrugia ID36861(M) u 641757(M) u dana sa zmien mhux aktar tard min xahrejn mil-lum"* .

   L-atturi pprezentaw bla bzonn kopja tal-istess dikjarazzjoni mat-twegiba ghall-appell. Fic-cirkostanzi wkoll, l-argument tad-difensur tal-konvenut li dan id-dokument ma kellux jigi pprezentat fl-istadju tal-appell, hu rrilevanti ghaliex id-dokument kien diga' gie pprezentat quddiem l-ewwel qorti. Hekk ukoll hu zbaljat il-konvenut meta fir-rikors tal-appell qal li: *"Lanqas l-aktar prova facli li jesebixxi* [kopja] *tal-allegat skrittura tal-11 ta' Mazu 2011 ma giet prodotta"*. Kopja ta' din l-iskrittura kienet fil-fatt ezebita quddiem l-ewwel qorti.

   Meta xehed, l-attur ikkonferma li l-konvenut kien ghamel dik id-dikjarazzjoni (fol. 25) u qal ukoll li *"Nel frattemp nghid li n-nutar beda jhallasni bil-mod"*. L-attur ipprezenta kopja ta' cekkijiet, datati 27 u 28 ta' Frar 2009, mahruga favur il-konvenut ghas-somma ta' €10,735 u €5,250. Ammonti li l-konvenut xehed li kien kostrett li jerga' jhallas meta gie biex ibiegh il-fond li kien xtara bl-att pubblikat mill-konvenut, u dan proprju ghaliex ix-xiri tal-proprjeta min-naha tal-konvenut ma kienx gie insinwat. Obbligu li kien fuq il-konvenut, bhala n-nutar li ppubblika l-att ta' bejgh u xiri. F'dan ir-rigward ukoll l-atturi pprezentaw kopja tac-cekkijiet li fit-30 ta' Gunju 2011 inhargu mill-HSBC, wiehed ghas-somma ta' €10,735 u l-iehor ghal €5,250 (fol. 28) u li l-attur spjega li kienu l-pagamenti li kellhom jergghu jaghmlu proprju minhabba li fl-2009 il-konvenut naqas milli jhallas lid-Dipartiment tat-Taxxi dik l-istess somma li kien ircieva minghand l-atturi. Hu proprju f'dan il-kuntest li fid-dikjarazzjoni a fol. 4 il-konvenut iddikjara li l-atturi hallasu ghal darbtejn il-bolla u t-taxxa.

3. Meta tqies dak li ddikjara n-nutar fid-dikjarazzjoni u dak li xehed l-attur, hu altru milli evidenti li f'dan il-kaz l-atturi taw flus lill-konvenut sabiex ihallashom lid-Dipartiment tat-Taxxi, u dan ma sehhx. Mill-provi rrizulta li l-kuntratt ta' akkwist tal-atturi ma giex insinwat mill-kovenut. Hekk xehed l-attur, u dan hu korraborrat mid-dikjarazzjoni ffirmata minn Dr Cora Vella, Nutar tal-Gvern

(fol. 2). Dikjarazzjoni li ma jirrizultax li giet kontestata mill-konvenut. L-ewwel qorti qalet:
"*Il-konvenut fit-trattazzjoni tieghu jghid li l-attur ma pprovax il-kaz tieghu u dan ghaliex ma pprovax il-mizaproprijazzjoni li allega fir-rikors promotur. Bizzejjed jinghad li l-attur bil-gurament tieghu qal li huwa ta s-somma murija fic-cekkijiet sabiex jixtri art l-Iklin u sabiex ihallas il-boll tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-ghan li l-att jigi registrat skond il-ligi. Dan pero' ma sarx u l-flejjes baqghu ghand in-Nutar mizmuma minnu ghal skop divers minn dak li gew fdati lilu. Proprju r-reat ta' approprijazzjoni indebita per eccellenza*".

M'hemmx dubju li kieku n-nutar hallas il-flus lid-Dipartiment tat-Taxxa, kif kellu jaghmel, ma kienx ser jiffirma d-dikjarazzjoni.

Mehud in konsiderazzjoni tal-provi li ressaq l-attur, provi li qatt ma gew kontradetti mill-konvenut, l-ewwel qorti ghamlet ragunament tajjeb u waslet ghal konkluzjoni korretta. Quddiem l-ewwel qorti l-konvenut ghazel li ma jixhidx u ma jressaqx provi. Din kienet ghazla libera tieghu li ovvjament m'ghandux htiega jaghti raguni ghalfejn ghamel hekk. Pero' min-naha l-ohra m'ghandux ragun jargumenta li l-atturi ma pprovawx il-kaz taghhom, meta tqies id-deposizzjoni tal-attur li m'hijiex kontradetta u anzi hi korraborata mid-dokumenti li l-atturi stess ipprezentaw.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellan**t.

Anthony Ellul.